DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 20/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness I (Materji veterinarji u fitosanitarji) mal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1095/2008 tas-6 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 109/2007 fir-rigward tat-termini tal-awtorizzazzjoni tal-monensin sodium (Coxidin) bħala addittiv tal-għalf [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1096/2008 tas-6 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1356/2004 fir-rigward tat-termini ta' awtorizzazzjoni tal-addittiv fl-għalf "Elancoban", li jagħmel parti mill-grupp tal-coccidiostats u ta' sustanzi mediċinali oħrajn [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1253/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008 dwar l-awtorizzazzjoni tal-kelat tar-ram tal-analogu idroksinu tal-methionine bħala addittiv tal-għalf [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1zz (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1356/2004):

"— **32008 R 1096**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1096/2008 tas-6 ta' Novembru 2008 (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 5)"

2. L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zzzg (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 109/2007):

"— **32008 R 1095**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1095/2008 tas-6 ta' Novembru 2008 (ĠU L 298, 7.11.2008, p. 3)"

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 1zzzzzb (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 124/2009):

"1zzzzzc. **32008 R 1253**: ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1253/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008 dwar l-awtorizzazzjoni tal-kelat tar-Ram tal-analogu idroksinu tal-methionine bħala addittiv tal-għalf (ĠU L 337, 16.12.2008, p. 78)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1095/2008, (KE) Nru 1096/2008 u (KE) Nru 1253/2008 fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, illi għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

---

[1] Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 298, 7.11.2008, p. 3.
[3] ĠU L 298, 7.11.2008, p. 5.
[4] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 78.

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.